## Messaġġ mill-Viċi President



# *Parti oħra mill-istorja tal-Banda San Gejtanu*

● Inħoss li din is-SENA hija waħda memorabbli għall-GĦAQDA TAL-MUŻIKA SAN GEJTANU. Dan billi kienet hija li DAQQET għall-EWWEL DARBA xi forma ta' INNU DEDIKAT LILL-PATRUN TAGĦNA L-ĦAMRUNIŻI "SAN GEJTANU", KOMPOŻIZZJONI ta' ĦAMRUNIŻ BĦALNA, Mro. EDUARDO FARINA. L-Innu ġie wkoll dirett mill-istess KOMPOŻITUR fl-okkażjoni ta' L-EWWEL Programm. L-EWWEL biċċa Mużika kienet indaqqet nhar il-25 ta' JANNAR 1894, festa ta' SAN PAWL u Farina ma stenniex il-FESTA TA' SAN GEJTANU. GĦALIEX?

Illum sejjer minflok nikkwota minn fejn ħadt l-informazzjoni. Nippubblikahom biex min jinteressah jasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar dawn il-fatti. Nifhem li huma ħafna dawk li sejrin jgħarblu dan it-tagħrif li sa issa f'ebda programm li joħorġu l-BANED MALTIN U GĦAWDXIN f'kull okkażjoni ta' ANNIVERSARJU, ma għamel dan, għall-inqas min-numru li jien akkwistajt u anki ġew mislufin lili eċċ.

Biex tifhem aħjar tajjeb li nsemmu li biex Soċjetà Filarmonika kienet tieħu permess għal TOMBOLA din kellha ddoqq f'ċertu festi. Waħda minnhom kienet il-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl ċelebrata fil-25 ta' Jannar, għal xi żmien anki Festa b'obbligu tal-Quddies. Sa hawn, wieħed jista' jgħid li din kienet ir-raġuni li ntgħażlet din il-ġurnata. Imma li l-ewwel biċċa Mużika li ndaqqet kienet imsemmija għal San Gejtanu turi l-imħabba, devozzjoni u qima li Mro. Farina kellu lejn il-PATRUN tal-ĦAMRUN, SAN GEJTANU. Ma ninsewx li hu kien ukoll organista u Maestro di Cappella tal-Ħamrun, kif ukoll serva u kiteb Mużika għall-Knisja tal-Furjana; Msida u Duluri tal-Pietà.

Ġewwa l-Parroċċa tagħna, għadna sal-lum, jekk mhux sejjer żball, nisimgħu Tifħir u Talb lil San Gaetanu Tiene kif ukoll Responsorium li sar minn Saċerdot, Dr. Luduvicu Mifsud Tommasi għall-okkażjoni tal-Festi li jsiru ġewwa

l-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfraġju ġewwa l-Belt Valletta lil San Gejtanu li saru b'digriet tal-20 ta' Jannar 1836.

Dan kien parti mill-għajnuna li setgħet toffri l-Kolleġġjata ta' San Pawl lill-Parroċċa tagħna kif saret Parroċċa ħalli tkun tista' tiġi ċelebrata l-EWWEL Festa jew Dritt tal-Kolleġġjata fuq il-Parroċċa tagħna jew kien hawn xi kwistjonijiet fuq it-Titular? Dan kien sforz il-FAQAR li kellu l-poplu Ħamruniż dak iż-żmien jew billi kien midħla tal-Knejjes bħala organista u kompożitur, Mro. Farina ħass li għandu jagħmel xi ħaġa bħala Ħamruniż f'ġieħ SAN GEJTANU?

1894 – Insibu l-PROVI ta' L-EWWEL Programm fi Pjazza San Pawl nhar il-25 ta' Jannar u x'inkiteb fil-gazzetti fuq dan il-programm f'IL-ĦABBAR u IL-VERITÀ. Fl-istess ġurnal hemm programm tal-Festa ta' San Ġużepp fl-Imsida, kif ukoll il-Programm li sar il-Ħadd 11 ta' Marzu. Hemm ukoll lista tal-Baned Maltin u Għawdxin li kienu jeżistu dakinhar; kemm il-darba daqqew tul l-aħħar 15-il xahar, kif ukoll kemm ġew mogħtija permess li jagħmlu t-TOMBLA. Ninnutaw min kienu l-BANED; Ittra ta' Tifħir u oħra Kontra l-istess banda kif insibu 1906; Programmi għall-okkażjoni tal-Festa San Duminku il-Belt; parti minn Programmi għall-okkażjoni tal-50 Anniversarju tal-Banda San Giuseppe tal-Ħamrun, kif ukoll riċerka li saret mill-mibki J.F. Caruana minn Ħaż-Żabbar (Ara paġni 35 u 37).

1895– Il-Festi tal-Madonna tal-Karmnu meta l-Papa LJUN Xlll għoġbu jagħti lil din il-knisja t-titlu ta' BAŻILIKA. Għall-istess Papa saret ukoll STATWA mis-Sur Karlozz Darmanin, li għamel anki t-Titular ta' San GEJTANU. Hawn insibu li Banda San GAETANO ħadet sehem f'dawn il-festi. Il-gazzetti MALTA TAGĦNA, THE MALTA TIMES, PUBLIC OPINION u LA STELLA LEVANTINA jikkonfermaw dan kollu. (Ara paġna 39.)

1896 – Hawn insibu t-TEATRO SAN GAETANO jissemma' fil-MALTA TAGĦNA, kif ukoll f'ŻEWĠ kopji ta' POSTERS li għoġbu jislifni s-Sur Richard Matrenza mill-kollezzjoni tiegħu.

1897 – Sehem ta' Banda Ħamruniża fil-Festi tal-Madonna tad-Dutrina ġewwa B'Kara.

1899 – Żewġ okkażjonijiet oħra ta' tlugħ ta' Drammi: il-ĠURAMENT u DUN GAETANU MANNARINO fit-Teatru San Gaetano.

Ħanut ta' Mro. Farina li kien fornut b'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-MUŻIKA ġewwa STRADA REALE No 65 (ħdejn il-BORŻA, il-Belt Valletta), kif ukoll MUŻIKA li ġiet ġentilment mogħtija lili mis-Soċ. Fil. LEONE t'Għawdex.

1901 – Hawn insibu li l-Filarmonika "ENTERPE" kellha bħala President lil Dr. D. MARGUARAT. (Ara Paġna 41).

L-istoriku Pietru Pawl Castagna, f'Paġna 248 ta' STORJA TA' MALTA,

isemmi l-Baned MALTIN li kien hawn inklużi r-Riġmenti Maltin fil-Ħamrun. It-28 banda imsemmija hi dik ta' SAN GAETANO bis-surmast tagħha EDWARDO FARINA. (Ara Paġna 45).

Storiku ieħor li kiteb L-ISTORJA TA' MALTA kien ARTURO CARUANA. Mis-36 banda li semma' PIETRU PAWL CASTAGNA fl-1905 kienu baqgħu jiffunzjonaw 20 BISS u jsemmihom kollha. Hu kiteb ukoll li kien hawn BANED li spiċċaw u jsemmihom waħda wara l-oħra u fosthom isemmi lill-Banda SAN GAETANO, DIR. EDWARD FARINA. Fost dawn l-14-il BANDA li ħalla barra hemm it-tnejn tar-Riġmenti li semma P.P. Castagna: ROYAL MALTA ARTILLERY, DIR. E. BARTOLI u r-ROYAL MALTA MELITIA, DIR. FIL. GALEA. Mela reġa' wasal għall-istess numru ta' 34 Banda f'Malta u Għawdex.

Biss fost dawn l-14-il Banda li jissemmew li għalqu mal-Banda SAN GAETANO, hemm mhux inqas minn ĦDAX-il BANDA li diġà ċċelebraw iċ-ĊENTINARJU tagħhom. Hemm min anki biddel l-isem tagħhom jew ikkunsidraw xorta dan iż-ŻMIEN LI MA KIENUX JIFFUNZJONAW.

Skond dan l-istoriku, la darba kienu jeżistu, l-ewwel data għandha tiġi stabbilita li kien it-twaqqif tal-GĦAQDA tagħhom. Min hija dik il-banda ġewwa l-Gżejjer Maltin li ħin jew ieħor ma kienetx tiffunzjona. Dan jew għal raġuni ta' FINANZI; nuqqas ta' qbil bejn il-Bandisti, Surmast jew Membri, kif ukoll affarijiet oħra fosthom il-POLITIKA. Wieħed ma jridx jinsa' li f'kull TFASSIL tal-KOSTITUZZJONI, L-IKTAR fl-1921 u fl-1947, l-GĦAQDIET TAL-BANED kellhom sehem kbir. (Ara Paġna 47).

Wieħed ma jistax jagħlaq dan l-artiklu mingħajr ma jsemmi nies oħra li ma' Mro. Eduardo Farina, li sibnih imsemmi bħala L-EWWEL GĦALLIEM tal-Fil. S. GIUSEPPE, kellhom sehem fit-twaqqif ta' l-ewwel Banda San Gejtanu. Kien hemm il-BENESTANT, is-SUR GRAVIN PORTELLI, li kien ukoll PRESIDENT ta' l-istess Fil. S. GIUSEPPE u mbagħad insibuh il-PRESIDENT ta' l-GĦAQDA SAN GEJTANU fl-1906. (Ara paġna 49).

Hemm ukoll Dr. D. MARGUARAT li kien PRESIDENT tal-BANDA "Enterpe' li semmejna fl-1901 VIĊI PRESIDENT ONORARJU. Hemm ukoll 27 FUNDATUR li isimhom jinsab imnaqqax fuq l-IRĦAMA li hemm kif tidħol fil-każin. Hemm oħrajn li isimhom ma jidhirx, jew għax hemm nuqqas ta' sorsi ta' informazzjoni, jew meta saret ir-riċerka kienu diġà għaddew 75 Sena mit-twaqqif tagħha.

Żgur wieħed kien isib iżjed materjal li kieku n-nies li ġew wara ftit it-twaqqif tal-banda għenu biex tiġi miktuba mill-ewwel l-istorja tal-Banda. Dan huwa żgur tagħrif li xi ħadd għad jidħol aktar fil-fond għalih milli dħalt jien.

**Horace Muscat**
**V. President**